A.L. 520 ta' l-2004

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab ma' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda qiegħda hawn iktar 'l isfel f'dawn ir-regolamenti tissejjaħ "l-Iskeda".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda l-partita 3 ta' l-Iskeda.

2. Fil-paragrafu (1) tal-partita 3 tat-Taqsima Wieħed ta' l-Iskeda, minnufih wara l-kliem "numru validu u attiv ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud" għandhom jidħlu l-kliem "fi Stat Membru li ma jkunx Malta".